KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 34

L-erbgħa u tlettin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Tlieta 28 ta' Awwissu 2021 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsilliera |

ASSENTI **B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

| | | |
|---|---|---|
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.25:*

*34.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 33;*
*34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*34.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*34.5 Rapporti;*
*34.6 Items Oħra*
*34.7 Tenders*
*34.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*34.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*34.10 Mozzjonijiet*
*34.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 34.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

34.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija izda qal illi l-Viċi Sindku se tittardja biex tkun tista tattendi l-laqgħa tar-Reġjun, waqt illi l-kunsillier D.Muscat qal se jkun tard minħabba impenji oħra tax-xogħol. Is-Sindku qal illi l-kunsillier K.Wain avzaħ illi se jkun tard.

## 34.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 29 U 30

34.2.1 Il kunsillier E.Borg ippropona li l Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier D.Soler issekonda l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment. *Minuti nru 33*

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-18:32.**

## 34.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

34.3.1 Is-Sindku qal illi waslu għandu diversi talbiet sabiex isiru CCTV barra areas partikolari. Qal illi waqt illi bħala Kunsill diġa hemm il qbil biex nixtru ftit minnhom, ippropona li nipprovdu kameras li jsiru mall faċċata ta' flats u jkun hemm l-użu tal-internet u elettriku tal-condiminiums. Dawn kiku għandom jiġu sorveljati mill-LESA. Dawn il-kameras għandom jintużaw biex ikun hemm sorveljanza fuq persuni li joħorġu l-boroż taz-zibel barra l-ħinijiet stipulati bil- *CCTV*

liġi.

**Il-kunsillier P.Portelli daħal fis-18:37**

34.3.2 Is-S.E qal illi rigward il-kameras illi għanda nixtru bħala Kunsill, għall-fini ta' stimi, u anka wara konsultazzjoni mal-LESA, hemm bzonn nindikaw fejn għandom isiru. Il-kunsilliera għandom jibagħtu l-ħsibijiet tagħhom fuq l-areas fejn hemm bzonn kameras.

34.3.3 Is-Sindku qal illi kien hemm zvilupp pożitiv rigward l-użu ta' Villa Schinas bħala uffiċini tal-Kunsill Lokali. Żied illi hemm qbil illi l-proposta hija waħda valida izda jixtiequ li jkun hemm dħul extra. *Villa Schinas*
Is-Sindku żied illi forsi għandna naħsbu biex indaħħlu entita oħra, izda fl-ebda ħin ma jkun hemm sub-contracting. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi f'dal kaz se tnaqqas l-ispazju.
Kien hemm qbil illi jsiru diskussjonijiet mill-kumitat tal-finanzji sabiex nibagħtu update tal-proposta.

**Għal ħabta ta' 19:00 is-Sindku ssospenda l-laqgħa mall-wasla tal-Perit Philip Farrugia u l-Perit Isaax Mifsud illi ġew biex jagħtu presentazzjoni għall-proġett li għanda ssir taħt il-Promenade ġewwa Qui Si Sana.**

**Fis-19:15 il-periti għalqu l-presentazzjoni tagħhom u wara ringrazzjament mill-Kunsill telqu mis-sala. Il-laqgħa tkompliet bl-Aġenda.**

34.3.4 Is-Sindku fakkar illi l-proġett se ssir minn naħa tal-Ministeru tal-iSport, fejn il-Kunsill se jħallas biss l-ispejjez professjonali.

**Il-kunsillier K.Wain daħal fis-19:15**

34.3.5 Is-Sindku qal illi intbagħtu l ittri fejn ġiet spjegata l Bye Law dwar l-ashtrays u l-indafa madwar stabbilimenti tal-ikel. Fuq dan il punt il-kunsillier D.Soler staqsa jekk qed isir infurzar fuq l-iskips li qegħdin barra mingħajr permess. Is Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu intbagħtu l-ittri u issa f'idejn il-LESA biex isir infurzar tagħha. Ġie deċiż illi tintbagħat reminder u tkun ittra reġistrata.
Fuq dan il-punt il-kunsillier J.Pillow qal illi waqt illi ma jaqbilx illi jkun hemm dawn l-iskips, se nifthu l-kotba mas-CSD li wkoll għandom l-iskips tagħhom mall-Promenade, u b'hekk l-istess se tapplika għalihom.

**Il-kunsillier D.Muscat daħal fis-19:27**

Il-kunsillier K.Wain ilmenta li mhux qed isir infurzar, la fuq l-iskips, la fuq l-iscooters u fuq l-ebda kontravvenzjonijiet ripettuti li tant nirċievu lmenti fuqhom. Is-Sindku kkonferma li ċitazzjonijiet fuq l-iscooters ħerġin bi ħġarhom wara li saru diversi laqgħat mall-pulizija u ma' kumpaniji li joperaw dan is-servizz.

**Il-kunsillier P.Portelli telaq fit-19:35**

.

## 34.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

34.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 34.5 Rapporti

34.5.1 Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm bzonn illi l-Contracts Manager jibgħat il-provi bil-filmat biex juri li l-ġbir tal-iskart qed jibda qabel il-ħin. Qal illi dawn l-affarijiet ikunu faċli biex nikkontrollaw bl-użu tal-kameras ġewwa l-RCV's.

**Il-Viċi Sindku daħlet fit-19:40**

34.5.2 Is-Sindku qal illi waqt illi rċieva ammont ta' ilmenti dwar 'piling', il-kuntrattur għamilha ċara li l-ħaddiema ma ingħataw l-ebda awtorita biex jagħmlu hekk

**Il-kunsilliera V.Galea Pace telqet fit-19:51.** Qabel ma telqet staqsiet għall update dwar il monument ta' Tony Nicholl Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ftit ili intbagħtet ritratt li turi d disinn 'life size' lill kunsilliera u l proġett se titkompla wara li jsiru laqgħat mall periti l ġodda. Il kunsilliera P.Radmilli fakkar illi l-periti għandom jieħdu ħsieb l-applikazzjoni tad-DPF li għanda ssir flimkien ma Sliema Wanderers Football Club.

34.5.3 Il-Viċi Sindku qalet illi fir-rapport dwar il-knis tat-toroq hemm miktub illi imkien m'huma qegħdin jikkonfermaw l-ammont ta'

kenniesa li qed jaħdmu u l-ħinijiet tagħhom. Fuq dan il-punt il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-ewwel hemm bzonn naraw x'obbligu hemm fil-kuntratt għalhiex l-ebda informazzjoni ma tista tiġi mitluba jekk m'hemmx obbligu fil-kuntratt.
Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm servizz extra li ssir fis-sajf fejn għandom jikinsu ċertu toroq barra l-iskeda. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li tinbagħat ittra biex infakkru lill-kuntrattur dwar l-obbliku kuntrattwali.
Is-Sindku qal illi konna se nibdew bil-moniteraġġ tal-kenniesa bl-użu ta GPS trackers izda ma komplejniex meta bdiet il-pandemija. Kien hemm qbil illi nibdew bil-moniteraġġ.
Il-kunsillier J.Pillow fakkar illi l-kunsilliera kollha kienu qablu li se jagħmlu moniteraġġ fuq it-toroq izda din ftit li xejn qed isir. Il-kunsillier E.Borg oġġezzjoni fuq dan il-punt u qal illi din hija inizjattiva li qed jara l-frott tagħha fir-rotta li jieħu ħsieb hu.

**Il-kunsillier D.Soler telaq fit-20:15**

34.5.4 Is-Sindku qal illi hemm bzonn illi fir-rapporti, il-Contracts Manager ikun ċar dwar il-ġranet illi ma jarax il-kenniesa. Qal illi diversi drabi qed jimxi bir-rapporti li jsiru mill-Kunsill stess.
Il-kunsillier A.Debono qal illi għandu jara li hemm izjed kommunikazzjoni mall-foreman tal-kuntrattur waqt illi l-kunsillier P.Radmilli qal illi l-Contracts Manager għandu jara li daħlet ilment u jmur jara x'ġara wara.

**34.6 Items Oħra;**

34.6.1 Il- kunsillier D.Muscat ta informazzjoni dwar l-attivita ta' Ġieħ Tas-Sliema li din is-sena se ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru ġewwa The Imperial fis-7pm.
Il-kunsillier talab illi jsib l-assistenza sabiex isir promozzjoni li tixraqilha attivita bħal din u talab illi din is-sena tinħareġ sejħa għal Floor Manager. Il-kunsillier approva din it-talba

34.6.2 Il-kunsillier A.Debono qal illi rċieva talba mingħand il-knejjes sabiex isir 'drop on drop off' quddiem il knejjes kollha.
Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil illi tingħata, bl-approvazzjoni mill-Awtorita, parkeġġ għal kull Parroċċa kull nhar ta' Ħadd filgħodu.

34.6.3 Il-kunsillier A.Debono qal illi l-Parroċċa ta' Sacro Cuor jixtiequ

jagħmlu żewġ attivitajiet marbutin ma' ġranet storiċi waqt il-gwerra meta Tas-Sliema ġiet attakata b'air raid li waslet għat-telf tal-ħajja ta' ammont ta' nies. Dawn il-ġranet hum nhar l-1 ta' April u fis-17 ta' Mejju. Huma jixtiequ jorganizzaw attivitajiet li jsiru b'kollaborazzjoni magħna. Is-Sindku fakkar illi kienet waslet talba simili marbuta mall-air raid ta' triq Santa Rita, fejn ġie kkonfermat illi din l-attivita ssir f'Novembru. Għalhekk qal illi fil-fehma tiegħu għandna nibnu attivita waħda fejn ningħaqdu dawn il-ġrajjiet storiċi kollha u ssir f'ġurnata. Kien hemm qbil mall-proposta.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi aħjar isir laqgħa mall-parroċċa dwar din l-attivita. Il-kunsillier D.Muscat qal illi hu lest jorganizza izda se jkollu bzonn l-assistenza la taqa fl-istess perjodu bħal Ġieħ Tas-Sliema.

34.6.4 Fuq talba tal-kunsillier A.Debono kien hemm qbil illi tinxtara kamera apposta li tintuza waqt it-trejning tal-futbol għan-Nursery ta' Tas-Sliema, fejn biha l-kowċ ikun jista janalizza aħjar it-trejning. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi minħabba li saru emendi fil-liġi u jista jiġri l-każ illi nirċievu ħafna talbiet simili, kull sena l-kumitat tal-finanzi għanda tistabilixxi ammont li għandu jkun disponibbli għal dawn it-talbiet.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u hemm bzonn qbil unanimu sabiex il-laqgħa titkompla. Kien hemm qbil.**

34.6.5 Il-kunsillier A.Debono ressaq l-ideja sabiex induru l-isqaqien kollha fil-lokalita. Il-kunsillier P.Radmilli talab informazzjoni dwar x'tinvolvi bħala xogħol. Il-kunsillier A.Debono qal illi fil-fehma tiegħu hemm bzonn isir xogħol ta' restawr, pavimentar, dawl, eċċ.
Il-kunsillier P.Radmilli spjega li l-kuntratt għanda ssir mall-Perit sabiex inkunu nistgħu napplikaw għal DPF għal dan il-proġett, waqt illi ghandu jkun il-perit illi għandu jagħmel kuntatt ma persuna li jieħu ħsieb disinji tagħhom.
Kien hemm qbil mas-suġġeriment.

34.6.6 Il-kunsillier E.Borg qal illi ġewwa Ġnien Independenza ammont tas-siġar u tiġieġ naqqsu. Kien hemm min ikkonferma li dawn qegħdin iduru u ta' spiss jaraw ammont mhux ħażin tagħhom.

34.6.7 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino staqsa jekk hemm qbil sabiex waqt it-turnament illi se ssir ġewwa Sqallija, it-tim tan-nisa jilbsu

flokk bl-arma tal-Kunsill. Kien hemm qbil illi jkun hemm l-arma tal-Kunsill u kliem zgħar 'Sliema L.C'

34.6.8 Il-Viċi Sindku qalet illi hemm fond biex isiru korsijiet tat-tgħallim mir-Reġjun Ċentru. Il-kunsillier P.Radmilli qal issuġerixxa li ssir kors biex l-anzjani jitgħallmu jużaw il-kindles bl-audiobooks illi se nipprovdu. Kien hemm qbil

34.6.9 Il-kunsilliera I.Fenech qalet illi dwar il-qsari li kellom jaslu għal triq Manoel Dimech, għadom iridu jikkonfermaw il-ġurnata li dawn għandom jaslu.

34.6.10 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ċerti lokalitajiet jużaw sistema online għall-għeluq tat-toroq illi jħoss illi hija effettiva ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sena l-oħra kien għamel kuntatt ma' suppliers li għamlu ftit ħin biex juru s-sistemi tagħhom lill-istaff. Qal illi kien ħalla d-deċiżjoni f'idejn l-istaff illi se jużaw is-sistema u s-sena l-oħra ppreferrew illi jaħdmu b'dik eżiztenti. Qal illi jaqbel illi hemm sistemi aħjar u tkun izjed effettiva li neqilbu għal sistema li taħdem online. Qal illi fil-fehma tiegħu wieħed irid jara jekk kien hemm zviluppi mis-sena l-oħra fejn dawn is-sistemi ħadmu fuq l-affarijiet illi dejqu xi ftit lill-istaff, kif ukoll dejjem jista jkun il-każ illi wara perjodu qasir, l-istaff stess iħossuhom izjed komdi jużaw sistema ġdida. Se jara ma' kunsilli oħrajn dwar is-sistemi li jużaw.

34.6.11 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ħadna fondi għax-xiri ta' karozza li għanda tintuża bħala Council Cab u li hi aċċessibbli għal kulħadd. Talab illi jkun hemm konferma tal-bord tal-evalwaturi li se tevalwa is-sejħa meta toħroġ. Kien hemm qbil illi r-rappreżentanti jkunu l-kunsillier J.Pillow, I.Fenech u l-Viċi Sindku.

34.6.12 Il-kunsillier P.Radmilli talab aġġornament dwar il-ħasil tal-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħadd ma tefa CfQ u għalhekk se mmorru għall-irħas 2 kuntratturi li taw stimi waqt il-Market Research. Qal ukoll illi din l-iskema issa hija miftuħa sal-aħħar tas-sena u mhux sal-aħħar ta' Awwissu.

34.6.13 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi min qed isaqqi l-planters ta' triq Għar il-Lembi għandu jiġi avzat illi minħabba l-pressa, il-ħamrija qed tinqala u qed tispiċċa fuq il-bankina. Kien hemm qbil illi nitolbu lil ELC jużaw kamin illi jnaqqas il-pressa tal-ilma.

34.6.14 Is-Sindku staqsa dwar is-sejħa għall-ispikes u ventilaturi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħadd ma tefa tender. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi joħorġu CfQ's separati, waħda għall-ispikes u oħra għall-ventilaturi, waqt illi l-Kunsill jieħu ħsieb ic-cherry picker. Dan għax jista jkun il-każ illi m'hemmx kuntratturi li huma kapaċi jagħmlu x-xogħolijiet kollha mitluba.

**34.7 Tenders**

34.7.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn illi joħorġu tenders illi skadew u biex ikun hemm qbil fuq il-membri li se jkunu fuq il-Bord tal-evalwazzjoni. Kien hemm qbil fuq il-lista t'hawn isfel:

Ġonna [sal-aħħar t'Awwissu]: J.Pillow, P.Radmilli, Viċi Sindku. Fuq din it-tender is-Segretarju Eżekuttiv qal illi la għada ftit zmien reġgħet intbagħtet għall-approvazzjoni tal-GPP biex tkun tista toħroġ.
Str. Lighting [sal-aħħar ta' Settembru]: J.Pillow, D.Muscat u l-niġinier. Is-Seg. Eżekuttiv fakkar illi kien hemm sejħa għall-electric engineer fejn hu kellu jkun parti tal-bord tal-evalwaturi. Qal illi din it-tender inkitbet ġimgħat ilu fejn wara li saret, talab konferma ta' electrical engineer biex jivverifika li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma tajbin. Fakkar illi avolja l-irħas wieħed ikkonferma li hi tajba u hemm bzonn ftit bidliet, xorta ingħata l-prezz qisha se tinkiteb mill-ġdid. Żied illi fl-aħħar konversazzjoni li kellu mall-inġinier dan ingħata sa nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru biex jibgħat l-aħħar feedback.
Road resurfacing [sal-aħħar ta' Ottubru]: A.Debono, W.Vella Baldacchino, D.Soler
Road signs [sal-aħħar ta' Novembru]: J.Pillow, I.Fenech, P.Portelli.
Str. Sweeping [sal-aħħar ta' Diċembru]: A.Debono, P.Radmilli, V.Galea Pace
Bulky Refuse [sal-aħħar ta' Diċembru]: D Muscat, F Borg, K Wain

34.7.2 Kien hemm qbil illi toħroġ waħda kull xahar, preferibalment fl-ordni tal-lista kif miktuba hawn fuq. Kien hemm qbil ukoll illi l-kunsillier jingħataw abbozz qabel toħroġ is-sejħa u jkollhom jumejn biex jagħtu suġġerimenti. Meta tkun finalizzata u tiġi ppublikata is-sejħa, il-kunsilliera jiġu avżati.

**34.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u'jew Sotto Kumitati**

34.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli ta rendikont tal-Minuti tal-laqgħa tal-aħħar laqgħa tas-sotto kumitat tal-fondi. Fl-aħħar tar-rapport qal illi hemm ħafna proġetti li għandom isiru u li għadna wkoll nistennew risposta dwar l-applikazzjonijiet li saru, u jħoss illi hemm bzonn ta' project manager li jkun jista jara x-xogħolijiet mill-bidu sal-aħħar. Kien hemm qbil illi tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex insibu min jieħu ħsieb ix-xogħol.
Il-Minuti u l-proposti tal-Kumitat tal-fondi ġew approvati.

**34.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

34.9.1 Il-kunsillier J.Pillow talab illi l-ħlas dovut lejn Alberta tkun on-hold għalissa peress illi għadom m'għamlux ix-xogħolijiet kif suppost u talab li jsir laqgħa magħhom.

34.9.2 Fuq il-ħlas għat-tinda, ġie spjegat illi t-tinda saret peress illi konna qegħdin indaħħlu ftit nies fil-Kunsill waqt illi ħaddieħor kellu jistenna barra u din saret għall-kenn. Kien hemm qbil illi tinxtara waħda issa minflok ma nikruha kull sitt xhur.
Il-kunsillier D.Muscat ippropona li l-iskeda tal-pagamenti tiħi approvata.
Il kunsillier W.Vella Baldacchino ssekkondaħ.

**34.10 Mozzjonijiet;**

34.10.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni

**34.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

34.11.1 Is-Seduta ntemmet fil-23.30. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar il-Tlieta 28 ta' Settembru 2021.

Minuti approvati llum nhar il-Tlieta 28 ta' Settembru 2021

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**

**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**

**Segretarju Eżekuttiv**